


**Kitba ta' Daniel Vella**
**Preżentatur tal-programm *Marċifest*, Radju Malta**




# It-Teatru Manoel 1960 - 2010

## 50 sena minn meta ġie rrestawrat mill-ġdid

*"F'Diċembru 1960, eżattament 50 sena ilu, t-Teatru Manoel reġa' fetaħ il-bibien tiegħu mill-ġdid bil-ballet Coppelia."*

It-Teatru Manoel huwa t-tielet l-eqdem teatru fl-Ewropa u l-eqdem fil-*Commonwealth* - u dan għaliex il-bini tiegħu jmur lura għall-aħħar snin tas-seklu tmintax.

Kien proprju il-Granmastru Manoel de Vilena il-moħħ wara dan it-teatru, għax kien hu li ħa d-deċiżjoni mportanti li jibda dan il-proġett u jibni dan it-teatru pubbliku, proġett li għalih ħallas il-biċċa l-kbira tal-ispiża tiegħu. Dan it-Teatru bnieh biex il-poplu jkollu rikreazzjojni onesta u divertenti fl-istess ħin, skop li nsibuh miktub bil-latin fuq irħama fuq l-entratura prinċipali ta' dan it-Teatru. Il-Granmastru De Vilena ma ħalliex żmien u l-bini beda minnufih. It-Teatru ħa għaxar xhur biex inbena. Fuq ġewwa kien kollu mibni b'injam u kien jixbaħ ħafna t-teatru ta' Palermo. It-Teatru Manoel ra ħafna alterazzjonijiet matul is-snin biex l-awditorjum ħa l-forma ovali tiegħu.

Dan it-Teatru kellu domanda kbira għad-drammi u anke għall-opera, u din id-domanda baqgħet konsistenti matul il-437 sena li damu l-Kavallieri hawn Malta. Fil-bidu beda jissejjaħ Teatru Pubbliku, u maż-żmien sar it-Teatru Rjali. Iżda eventwalment fis-sena 1866 beda jissejjaħ bl-isem li kien xieraq – it-Teatru Manoel.

Interessanti li l-ewwel preżentazzjoni kienet *Merope* - fid-9 ta' Jannar fl-1732 - dramm traġiku ta' Scippione Maffei. It-teatru kien immexxi minn Kavallier anzjan li kellu t-titlu ta' Protettore.

Ħafna drammaturgi u kompożituri Maltin bil-mod il-mod bdew isibu posthom flimkien ma' awturi barrannin, u hawnhekk naraw li kien il-kompożitur Malti Nicolo Isouard, jew kif kien magħruf, Nicolo ta' Malta, li fiż-żmien sar Kummissarju ta' dan it-Teatru. Napuljun Bonaparti kien Malta fl-aħħar sentejn tas-seklu tmintax, u f'dawn is-sentejn it-Teatru mar lura ħafna għax il-poplu kien qed ikun assedjat mill-Franċiżi.

Meta waslu l-Ingliżi it-Teatru reġa' ħa l-ħajja u matul l-ewwel 50 sena tas-seklu sittax kien hemm staġun ta' opri li okkupa disa' xhur sħaħ tas-sena – minn Settembru sa' Mejju. F'Diċembru 1838 kienet serata speċjali għax fiha r-Reġina Adelaide marret tara l-opera *Lucia di Lamermoor.*

Fis-sena 1861 it-Teatru sar proprjeta privata u bil-flus tal-bejgħ tiegħu l-Opera House ħadet postu. It-Teatru Manoel ma baqax jintuża u sar post fejn anke bdew jistkennu t-tallaba.

Meta fl-1873 l-Opera House inqerdet bin-nar, it-Teatru Manoel reġa' ħa r-ruħ, it-tallaba tkeċċew 'l barra u sakemm reġgħet inbniet l-Opera House, fit-Teatru Manoel bdew itellgħu opri u drammi bħal qabel. Iżda meta tlestiet l-Opera House it-Teatru reġa' waqa f'miżerja kbira u beda jintuża bħala sala taż-żfin u ċinema.

Meta l-Opera House waqgħet bil-bombi tal-għadu fit-Tieni Gwerra Dinjija, il-Gvern Malti reġa' ħa f'idejh dan it-Teatru, u ġab esperti mill-Ingilterra u l-Italja, u taħt is-superviżjoni tagħhom, il-ħaddiema Maltin reġgħu rrestawrawh għall-glorja ta' qabel.

F'Diċembru 1960, eżattament 50 sena ilu, t-Teatru Manoel reġa' fetaħ il-bibien tiegħu mill-ġdid bil-*ballet Coppelia*. L-udjenza li attendiet għal din il-*ballet* baqgħet mistagħġba bis-sbuħija ta' dan it-Teatru rrestawrat mill-ġdid.

Minn dak iż-żmien, it-Teatru Manoel sar uffiċjalment it-Teatru Nazzjonali kif kien xieraq, tant li t-Teatru beda jopera tajjeb ħafna. Bdew isiru rappreżentazzjonijiet internazzjonali kbar mill-aqwa mużiċisti tad-dinja. Dan minbarra rappreżentazzjonijiet Maltin u kunċerti mill-orkestra tal-istess Teatru . Sal-ġurnata tal-lum it-Teatru Manoel għadu mfittex għall-kunċerti, opri, operetta u anke drammi.

Teatru li jagħmel ġieħ lill-Maltin u lill-Għawdxin!

Il-festa t-tajba lil kulħadd.